MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-18 ta' April, 2007

Numru 915/2002

**Il-Pulizija**
**(Sp. Joseph Cordina)**

**v**

**Lawrence Victor Galea ta’ 43 sena bin Vincent u Dolores nee Baldacchino, imwieled Senglea, fil-23/08/1959, u li joqghod fl-indirizz ‘Redeemer’, Triq ir-Rihan, Fgura, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 568059 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Lawrence Victor Galea li gie akkuzat talli fit-30 ta’ April, 2001 u f’dati ohra precedenti f’Paola jew fi bnadi ohra, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess

dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda; b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qeq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew bizgha dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' Lm 14,549 bi hsara tas-socjeta' Miller's Distributors u ohrajn. Dan bi ksur tal-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-akkuzat wiegheb li ma kienx hati ta' tali akkuzi.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali taht liema hemm mahsub li tista' tinstab htija u cioe:

(a) fl-artikoli 308, 309, 310 tal-Kodici Kriminali

Rat li Lawrence Victor Galea ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi din il-kawza tittratta dwar ammont ta' cheques mahruga a favur l-akkuzat minnu depozitati fl-overdraft tieghu, liema cheques inhargu mill-kont tad-ditta Miller Distributors. Kopja ta' dawn ic-cheques gew esebiti a fol 13 – 21. Fil-fatt kemm Malcolm Miller kif ukoll Madeleine De Fremaux executive director u direttur tal-kumpanija rispettivament ikkonfermaw illi kienu huma t-tnejn li ffirmaw ic-cheques in kwistjoni. It-tnejn xehdu li huma dan ghamluh ghaliex kienu taht l-impressjoni li kienu qeghdin jixtru stationery minghand l-akkuzat. Ghalkemm solitament qablu fuq is-suggeriment illi l-proecedura hi li l-ewwel tkun saret ix-xirja mbaghad isir il-hlas pero' gieli l-hlas sar qabel anke ma tkun giet prezentata l-invoice. Malcolm Miller ma setghax jghid jekk fix-xiri li ghalihom inhargu dawn ic-cheques in kwistjoni fil-fatt kienx sar. Li

hu cert li kien certu Robert Gafa, dak iz-zmien impjegat ta' Miller's, li kien inkarigat mix-xiri ta' stationery ghan-nom ta' l-istess ditta.

Madeleine Vella Defreamaux wkoll ikkonfermat ir-rwol ta' Gafa mad-ditta Miller's.

Fil-fatt kemm mill-investigazzjoni ta' l-Ufficjal Prosekutur kif ukoll minn dak li stqarr u xehed l-akkuzat, jirrizulta illi kien Robert Gafa illi kien qed johrog dawn ic-cheques minn fuq il-kont ta' Miller's u jintestahom lill-akkuzat. Bi ftehim ma' l-akkuzat, u skond l-akkuzat ghax talbu Gafa, dan il-pjacir Lawrence Galea kien isarraflu dawn ic-cheques liema cheques Galea kien jiddepozita fl-overdraft tieghu. Ta' dawn il-pjaciri Galea viva voce ammetta illi fuq is-somma li ddepozita globali ta' Lm 14,099.005 huwa zamm is-somma ta' Lm 100, dan ghaliex Gafa ta'dan il-pjacir ta' tisrif, kien jghidlu biex izomm xihaga zghira. Fil-fatt huwa viva voce nnega li zamm jew ha mitt lira kull tisrifa, insista li mitt lira li rceva kienet somma globali fuq it-tisrif kollu li ghamel. Oltre hekk Galea viva voce insista illi huwa ma kienx kompartecipi ma' Gafa fuq din l-iscam li saret fuq id-ditta Miller's. Anzi innega li hu qatt ghamel xi invoices a bazi ta' liema darba prezentati Miller's kien johrog il-pagamenti favorih. Insista ukoll illi mic-cheques li rceva u ddepozita huwa ghajr ghal Lm 100 ma zamm xejn izjed u l-ammonti rispettivi ghaddihom kollha lil Gafa. Innega Galea li nonostante c-cheques li rceva li hu qatt biegh xihaga lil Miller's. Ammetta wkoll illi wara certu zmien li kien qed jissuspetta li xihaga ma kinitx sew fil-procedura ta' bejnu u bejn Gafa dwar dawn ic-cheques.

Fil-fatt Louise Grech is-salesgirl ta' l-akkuzat ikkonfermat illi wara xi erbgha jew hames darbiet li Galea sarraf ic-cheques ghal Gafa, kien tkellem maghha, l-akkuzat, u qalilha li kien jissuspetta xihaga pero' kien qed jiddejjaq isaqsi lil Gafa ghax kienu close friends. Ikkonfermat din is-salesgirl illi Galea qatt ma biegh xejn lil Gafa quo merkanzija.

Xehed Kenneth Frendo il-Financial Controller ta' Miller's li kkonferma li ghalkemm ic-cheques inhargu a favur

Lawrence Galea, Miller’s qatt ma xtraw ebda stationery minghand l-akkuzat. Xehed dan il-financial controler illi kienet fil-fatt qed issir purchase order minn Robert Gafa kontra liema l-kumpanija kienet qed thallas ghal diversi items ta’ stationery, photocopy paper, cartridges u affarijiet relatati. Irrizulta li ghalkemm sar il-hlas dan ix-xoghol qatt ma wasal ghand Miller’s. Izid il-controller illi l-istess Gafa ammetta illi l-affarijiet suppost mixtrija lanqas biss kienu jezistu. Spjega fil-fatt dana x-xhud li dan Robert Gafa kien qed jipprezenta dokumentazzjoni lill-kumpanija ta’ xoghol ta’ stationery li kien qed suppost jinxtara minghand Lawrence Galea. Xehed Kenneth Frendo li kien hemm okkazzjonijiet fejn Gafa’ sahansitra pprezenta invoices jew purchase orders. Jghid ukoll pero’ dan ix-xhud illi fir-rigward ta’ dawn l-invoices il-ftit li gew prezentati, illi dawn kienu qed jigu manifatturati minn Robert Gafa.

Dr Adrian Delia xehed in rapprezentanza tas-socjeta’ Miller’s Distributors. Qal li l-partecipazzjoni ta’l-akkuzat f’dan l-incident kienet limitatissima u li l-vertenza fil-kawza in dizamina, cioe l-flus imsarrfa kienet kontra persuni ohra li fil-fatt kienu rrisolvew il-vertenza mas-socjeta’ defrawdata.

Ikkonsidrat

Illi l-pern ta’ dawn l-akkuzi jiddependi fuq jekk l-akkuzat uzax xi ingann li bih b’qerq gieghel lis-socjeta’ thallsu s-somom li jidhru fic-cheques minnu imsarrfa. Fil-fatt ghandha ragun bil-kbir id-Difiza fl-insistenza taghhom li tali qerq, tali grajja kimerika u ngann kien ikun ben pruvat kieku kien l-akkuzat li hareg l-invoices li gew prezentati, meta gew prezentati lil Miller’s u kontra taghhom inhargu c-cheques in kwistjoni. Oltre dan lanqas ma gie pruvat ghajr ghal xi Lm 100 lil Galea mill-eluf kollha li ddepozita ghamel qliegh oltre a dannu tas-socjeta’. Pero’ aktar mill-kwistjoni tal-qligh manka fl-opinjoni tal-Qorti l-mens rea necessarja biex jigi kostitwit ir-reat in dizamina, oltre hekk fl-actus reus manca dak il-qerq li trid il-ligi akkompanjanti l-azzjoni li biha l-agent ikun irceva l-qliegh a dannu tal-vittma. Frankament l-akkuza ta’ frodi f’dan il-

kaz kellu jigi addebitat lill-persuna li kienet impjegata ma' Miller.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi qeghda tillibera lil Lawrence Galea mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------